MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 185/2008

**Louis Borg (I.D. 503353M)**
**Vs**
**Jeremy Borg Grech (I.D. 40381M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma t'elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin euro u erbghin centezmu (€1,728.40) - (Lm742.00) wara li ppremetta li l-konvenut inkarigah biex jaghmillu xoghol ta' tqeghid ta' madum, fornitura ta' materjal u xoghlijiet ohra, f'fond fis-Swieqi.

Illi huwa ezegwixxa x-xoghlijiet kollha miftiehma, u anke ezegwixxa xoghlijiet extra li nqalghu waqt l-andament tax-xoghol.
Illi mill-valur komplessiv tax-xoghlijiet ezegwiti minnu, kemm dawk originarjament miftiehma kif ukoll dawk li nqalghu zejda waqt ix-xoghol, kompriza l-VAT fuq il-*labour*, il-konvenut baqaghlu jhallas il-bilanc mitlub.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2007 u bl-imghax legali mid-data tal-kompletazzjoni tax-xoghlijiet sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammont minnu mitlub mhuwiex dovut mill-konvenut.

Illi in oltre l-attur naqas milli jezegwixxi x-xoghlijiet kollha u dawk ix-xoghlijiet li ezegwixxa gew ezegwiti hazin, b'mod illi l-konvenut kellu jqabbad lill-terzi persuni sabiex jirrimedjaw u jispiccaw dawk ix-xoghlijiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Sema' x-xhieda ta' Louis Borg, Darren Gauci u Jeremy Borg Grech.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazjoni ta' Dr Aldo Vella ghall-attur u Dr Stefano Filletti ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Jigi premess illi iktar 'l quddiem f'din s-sentenza l-kalkoli ser jsiru bil-valuta ta' Liri Maltin billi d-dokumenti prodotti huma f'din il-valuta u kien jinholoq konfuzjoni shih kieku kull darba t-Tribunal kellu joqghod jikkonverti ghall-valuta tal-Euro f'kull stadju tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija. B'hekk sar sforz biex il-komplikazzjonijiet li nholqu fil-vertenza possibiliment jigu rapportati u ezaminati b'mod iktar car u li jkun jista' jinftiehem mill-attur u mill-konvenut li wara huma l-protagonisti fil-vertenza.

Gie ritenut kemm-il darba mill-Qrati li l-fatti huma sacrosanti u ghalhekk isegwi li l-evalwazzjoni ta' vertenza hija wahda principalment tal-fatti però wiehed m'ghandux

jinsa li din l-evalwazzjoni ghandha zzomm mal-binarju tat-triq gwida li taghti l-ligi kif miktuba u kif interpretata mill-Qrati. It-triq gwida tal-ligi hija *a means to an end* u dan it-Tribunal, bhal kull Tribunal adjudikattiv, jkun ben struwit li jzomm ma' din it-triq gwida fid-dawl tal-provi mressqa.

F'materja li taqa' taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, l-ligi stess tenfasizza li primarjament it-Tribunal, b'eccezzjoni ghall-kazijiet partikolari msemmija mil-ligi, ghandu juza l-gudizzju tieghu ekwitattiv. Hija propju l-ekwita li hija t-triq gwida ghat-Tribunal u l-kawza odjerna hija wahda minn dawk il-kazijiet fejn il-vertenza ser tigi rizolta primarjament fuq din il-bazi.

Stabbilit il-premess, mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut jahdem xoghol b'turnkey. Huwa kellu klijenta li akkwistat post zghir is-Swieqi. Huwa mar maghha ghand Falzon Bathrooms biex jintghazel il-madum tal-art kollu tal-post u kif ukoll tal-hitan u l-*fittings* tal-*bathroom* u *shower room*.

Il-konvenut kellu bzonn *tile layer*. Min jaghmillu x-xoghol di solitu ma kienx *available* u ghalhekk staqsa lil ta' Falzon jekk kellhomx xi hadd rakkomandabbli. Huma tawh tliet ismijiet izda s-*salesgirl* ghamlet rakkomandazzjoni partikolari favur l-attur billi hija kienet qabditu jaghmilha x-xoghol taghha personali u harget sodisfatta.

L-attur ikkomunika mal-konvenut u marru fuq il-post li dak iz-zmien kien fi stat *shell*. Huma waslu fi ftehim li l-attur jaghmel ix-xoghol.

Ftit wara l-attur beda jahdem billi ordna t-torba, wassalha fuq il-post u sadanittant gew konsenjati il-madum u l-*fittings*.

Il-ftehim originali kien ghal *tile laying* b'rati miftiehma ghall-madum tal-art u tal-hitan. L-unika materjal li kellu jissuplixxi l-attur huwa dak indikat fid-Dok LB4 a fol 18 tal-process.

Waqt ix-xoghol l-attur kien qed jigi assistit minn Darren Gauci.

Waqt l-andament tax-xoghol il-konvenut kien jigi regolarment u kien jesprimi ruhu sodisfatt.

Meta l-attur lesta l-konvenut ma hallsux ghall-bilanc ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira maltin (Lm742), li huwa l-ammont pretiz fil-kawza, u ghamel diversi lmenti.

Il-konvenut baghat prospett (Dok LB2 a fol 15) flimkien ma' cheque ta' mitejn u tmienja u hamsin lira maltin (Lm258) bhala "FINAL PAYMENT & SETTLEMENT".

L-attur ma accettax dan il-pagament u b'hekk saret il-kawza odjerna.

Fil-process hemm esebit dokument LB3 a fol 16 tal-process li jaghmel paragun bejn l-ammont pretiz mill-attur u dak offrut mill-konvenut.

Fil-qosor, qabel il-kawza:

L-attur ikkomputa l-kont totali ghall- Lm 1,542
Il-konvenut, qabel il-kawza, komputah ghall- Lm 1058
(Lm1088 nieqes Lm30 ghall-xoghol mhux kompletat)

Mhux kontestat li saru pagamenti akkont ta'

Lm 800

B'hekk l-attur jikkontendi li d-differenza hija ta' Lm 742
izda l-konvenut qabel il-kawza sostna li huwa ta Lm 258

Differenza bejn il-partijiet qabel il-kawza Lm 484

Waqt il-kawza u wara li xehed l-attur, il-konvenut esebixxa prospett gdid – Dok JGB 4 – fejn ikkomputa l-valur totali tax-xoghol maghmul mill-attur ghall-elf, tliet mija u disghin lira maltin u erbgha centezmi (Lm1,390.04) li minnu, apparti li naqqas il-pagament ta' tmien mitt lira maltin (Lm800) gia mhallas, deherlu li ghandu jnaqqas ukoll mija u tlieta u sittin lira maltin (Lm163) li jsostni li hu hallas lil terzi sabiex jigu rimedjati whud mill-problemi li skond hu halla warajh l-attur biex hareg bilanc ammess t'erba' mija u sebgha u ghoxrin lira maltin u erbgha centezmi (Lm427.04c).

B'hekk id-differenza bejn l-ammont pretiz mill-attur u dak ammess mill-konvenut nizlet ghal tliet mija u hmistax-il lira maltin (Lm315).

Dawn id-differenzi huma n-*nodus litigandi* li ghandu jigi mahlul minn dan it-Tribunal.

1. Lm19.47 – *Labour* ghat-torba

Bejn il-quotation originali tat-torba ect u dak li ghalih gie *invoiced* il-konvenut hemm differenza ta' disgha u ghoxrin lira maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm29.47c) u dan jirraprezenta ghaxar liri maltin (Lm10) extra torba u **dsatax-il lira maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm19.47c)** ta' xoghol zejjed li ha l-attur biex pogga t-torba.

It-Tribunal jidhirlu li l-attur ghandu ragun fuq it-torba extra izda mhux tax-xoghol zejjed ta' dsatax-il lira maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm19.47c). L-attur kellu jorganizza x-xoghol tieghu. Huwa jghid li meta giet ikkonsenjata t-torba ma setax ipoggiha direttament fit-terrazzin ghax it-terrazzin ma kienx lest. Ghalkemm mhux kontestat li attwalment sar dan ix-xoghol zejjed ta' tmexxija doppja tat-torba, it-Tribunal huwa tal-fehma li galadarba kien l-attur li organizza l-konsenja, dan jimputa lill-istess attur li messu organizza ruhu akjar fil-vicenda.

2. Lm50 extra ghall-ingletti fit-tieqa

Issemma' t-tqeghid tal-madum bl-ingletti taht it-tieqa fil-kamra tal-banju. L-attur xehed li dan ix-xoghol kien

partikolarment impenjattiv billi ma setax juza *tile trimmings*. Ghal dan ix-xoghol l-attur ikkontja **hamsin lira maltin (Lm50) extra**. It-Tribunal jidhirlu li l-attur mhux intitolat jithallas ghal dan l-extra. Kull xoghol ikollu tieghu – daqqa jigi hafif u daqqa jigi impenjattiv. Hawn mhux qed nitkellmu fuq bdil minn dak li gie patwit li minhabba f'hekk kellu jsir xoghol extra izda si tratta ta' kaz fejn ix-xoghol kien habbat lill-attur iktar minn kemm kien anticipa. It-Tribunal ma jidhirlux li l-attur ghandu dritt jithallas extra ghaliex dan ghandu jitqies bhala *part and parcel* tax-xoghol u ma jistax jigi meqjus bhala *extra works* mizjuda mill-konvenut waqt il-lant tax-xoghol.

<u>3. Lm80 hajt finta.</u>

L-attur ikkontja wkoll tmenin lira maltin (Lm80) biex jibni hajt fil-bathroom biex jinheba l-flushing – cioè biex jibni hajt finta. Dan ma kienx parti mill-ftehim originali u ghalhekk l-attur ghandu dritt izid din il-partita bhala *extra works*. Il-kont relattiv jidher ragonevoli u ghandu jigi accettat.

<u>4. Lm10 biex jinksew il-gnub tal-madum.</u>

Fit-terrazzin hemm *gutter* li wara li tlesta x-xoghol l-attur gie mitlub biex jiksi l-gnub tieghu. Huwa ghamel dan ix-xoghol u zied **ghaxar liri maltin (Lm10)** bhala extra work ghax-xoghol tal-*gutter*. It-Tribunal jidhirlu li dan huwa *part and parcel* tax-xoghol. Ma jaghmilx sens li twassal il-madum sal-gutter biex imbaghad thalli l-gnub mikxufin ghax b'hekk ikun jista' jidhol l-ilma minn taht il-madum, tohrog it-torba sottostanti u jigi kompromess ix-xoghol tat-tqeghid tal-madum. L-arti u s-sengha titlob li x-xoghol jinghalaq. Dan mhux *extra work* izda huwa parti integrali tax-xoghol ta' tqeghid tal-madum.

<u>5. Lm15 ghall-gheluq tal-banju</u>

Ghar-rigward tal-gheluq tal-banju hmistax-il lira maltin (Lm15) it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ghandu ragun. Huwa kellu jaghmel hitan bic-cangatura li jmur oltre x-xoghol normali ta' tqeghid ta' madum.

6. Lm30 finishing li ma sarx

Paratita ohra in dibattitu huwa t-tnaqqis ta’ tletin lira maltin (Lm30). F’rokna fil-kamra tal-banju l-attur gie mitlub biex ma jkompliex bicca ghax il-konvenut ried jaghmel il-gypsum u biex wara li jsir dan l-gypsum, l-attur jerga’ jigi u jiksi. L-attur jsostni li in segwitu pprova jikkontattja lill-konvenut biex jlesti din il-bicca. Il-konvenut jghid li hu wkoll ipprova jsib lill-attur izda jew sabu fuq xoghol iehor jew ma sabux. Il-fatt jibqa’ li x-xoghol sar minn haddiehor fuq inkarigu tal-konvenut. It-Tribunal jidhirlu li ta’ dan ma jahtiex l-attur. Jidher ukoll li dan kien xoghol *de minimis* u b’hekk m’ghandux jkun hemm tnaqqis mill-ammont dovut lill-attur.

7. Lm163 ghall-wires fil-kcina

Issemmiet il-kcina. Il-konvenut ighid li f’nofs il-kcina saret *island* u kien hemm pipe hiereg mill-art bil-wires tal-elettriku hiergin biex imbaghad iservu ghal cooker li eventwalment kellu jigi nstallat fl-*island*. It-Tribunal jidhirlu li jirrizulta provat li l-konvenut kellu jaghmel dan ix-xoghol addizzjonali u li verament inkorra spejjez addizjonali izda it-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li ta’ dan m’ghandux jahti l-attur.

Fl-ewwel lok l-attur kien imur jara l-andament tax-xoghol regolarment u qatt ma lmenta dwar il-pozizzjoni ta’ dan il-pipe. Jidher li l-kcina ma kinitx l-ahhar haga li saret u ghalhekk il-konvenut kellu zmien ampju biex jilmenta dwarha waqt l-andament tax-xoghol u l-problema setghet tigi solvuta mill-attur *a tempo vergine*.

In oltre, meta ntabaghat c-cheque ta’ mitejn u tmienja u hamsin lira maltin (Lm258) ma ssemma assolutament xejn dwar dan it-tnaqqis (ghalkemm kien semma’ t-tletin lira maltin (Lm30) dwar il-gypsum). It-Tribunal jidhirlu li din issemmghiet mill-konvenut bhala *after-thought* u mhux ghax verament il-problema kienet imputabbli ghall-attur.

8. Lm40 sollijiet ta’ zewg twieqi

Il-konvenut jilmenta wkoll dwar erbghin lira maltin (Lm40) li l-attur ikkontja ghal xoghol ta’ bini fuq it-twieqi. Dawn verament kienu *extra works* u ghall-presuna li mhux bennej jista’ jipprezenta ruhu bhala partikolarment

impenjattiv. L-attur kellu jaghmel xoghol biex jgholli s-sollijiet ta' zewg twieqi – Lm20 ghal kull tieqa – u t-Tribunal jidhirlu illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ragonevoli u konsegwentement dan l-ilment tal-konvenut mhux gustifikat.

9. Problemi ohra Dok JBG 4.

Ghar-rigward tal-problemi l-ohra indikati fl-ahhar parti tad-Dok JBG4 it-Tribunal jidhirlu li dawn l-ilmenti ma gewx debitament provati u lanqas ma gew prodotti ritratti biex jillustrawhom. Huwa difficli ghal dan it-Tribunal jaghti decizjoni fuq materja teknika u din id-diffikulta tizdied meta jkun hemm konflitt fix-xhieda fejn l-attur jsostni li x-xoghol sar sew u l-konvenut ma jaqbilx. In mankanza ta' prova teknika jew fattwali t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi li dan l-ilment ma giex sodisfacentement ipprovata.

Summary:

Ilmenti Mhux Gustifikat/Gustifikat

1. Lm19.47 – Labour ghat-torba - gustifikat
2. Lm50 extra ghall-ingletti fit-tieqa - gustifikat
3. Lm80 hajt finta. - mhux gustifikat
4. Lm10 biex jinksew il-gnub tal-madum - gustifikat
5. Lm15 ghall-Gheluq tal-banju - mhux gustifikat
6. Lm30 finishing li ma sarx - mhux gustifikat
7. Lm163 ghall-wires fil-kcina - mhux gustifikat
8. Lm40 sollijiet ta` zewg twieqi - mhux gustifikat
9. Lmenti ohra skond Dok JBG 4 - mhux gustifikat

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess ghandu jsir it-tnaqqis segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | xoghol extra tat-torba<br>(VAT gja inkluz) | Lm 19.47 |
| 2. | Ingletti tat-tieqa | Lm 50.00 |
| | (VAT fuq din il-partita) | Lm 9.00 |
| 3. | Tikhil extra tal-madum | Lm 10.00 |
| | (VAT fuq din il-partita) | Lm 1.80 |
| Total | | Lm 90.27 |
| Ekwivalenti ghal | | €210.27 |

L-attur qed jitlob elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin euro u erbghin centezmu (€1,728.40) - (Lm742.00) u meta tnaqqas mitejn u ghaxar euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€210.27) - (Lm90.27) jigi li l-bilanc dovut lill-attur ghandu jkun t'elf, hames mija u tmintax-il euro u tlettax-il centezmu (€1,518.13) - (Lm651.73).

Ghar-rigward tal-Kap tal-ispejjez it-Tribunal jidhirlu li dan ghandu jkun kwantu ghal 1/5 ghall-attur u 4/5 ghall-konvenut. Qabel il-prezentata tal-kawza d-differenza bejn il-partijiet kienet t'erba' mija u erbgha u tmenin lira maltin (Lm484) u minn dan l-ammont l-konvenut ghandu ragun fuq disghin lira maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm90.27c). Dan jigi cirka 1/5 ta' erba' mija u erbgha u tmenin lira maltin (Lm484).

L-attur qed jitlob l-imghaxijiet mid-data tal-kompletazzjoni tax-xoghlijiet. Din it-talba ghandha tigi milqugha kif dedotta billi kien x'kien l-ilment tal-konvenut, l-ammont determinat minn dan it-Tribunal kien dovut minn dakinhar tat-tlestija tax-xoghlijiet li skond Dok LB1 x-xoghol kellu jitlesta sal-20 ta' Settembru, 2006. M'hemmx provi meta attwalment tlesta x-xoghol izda ma sarx ilment li x-xoghol dam iktar milli previst. Ghal fini ta' pratticita t-Tribunal jidhirlu li jkun gust u ekwu, anke fid-dawl tar-rizultanzi imsemmija, li jkun hemm tliet xhur grace a beneficcju tal-konvenut u b'hekk jistabilixxi d-data minn meta jibda jiddekorri l-imghax ghall-1 ta' Jannar, 2007.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ in parte it-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma t’elf, hames mija u tmintax-il euro u tlettax-il centezmu (€1,518.13) - (Lm651.73), bl-imghaxijiet legali mill-ewwel ta’ Jannar tas-sena elfejn u sebgha (01/01/2007). L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal 1/5 ghall-attur u 4/5 ghall-konvenut.

Dr. Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------